2024/2002

26.7.2024

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2002

tal-24 ta' Lulju 2024

li tistabbilixxi linji gwida għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija u tal-awditi tal-enerġija

(notifikata bid-dokument C(2024) 5155)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) introduċiet rekwiżit biex tintlaħaq il-mira ewlenija ta' ffrankar tal-enerġija ta' mill-inqas 32,5 % fil-livell tal-Unjoni sal-2030.

(2) Fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2013) 447 final ([2]) tagħha, il-Kummissjoni pprovdiet gwida lill-Istati Membri għat-traspożizzjoni u għall-implimentazzjoni tal-awditi tal-enerġija u tas-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija skont id-Direttiva 2012/27/UE, filwaqt li appoġġathom fl-istabbiliment tal-iskemi, tal-għodod u tal-metodoloġiji adegwati sabiex setgħu jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom u jiksbu l-mira ewlenija tal-effiċjenza enerġetika.

(3) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ġiet adottata fit-13 ta' Settembru 2023. Hija rriformulat id-Direttiva 2012/27/UE, filwaqt li żammet uħud mid-dispożizzjonijiet tagħha mingħajr bidliet, u fl-istess ħin introduċiet xi rekwiżiti ġodda. B'mod partikolari, żiedet b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni għall-2030 f'termini ta' effiċjenza enerġetika, inkluż fir-rigward tas-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija u tal-awditi tal-enerġija.

(4) F'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, il-konsum medju tal-enerġija ta' intrapriża jrid ikun il-kriterju għad-definizzjoni tal-applikazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija jew tal-awditi tal-enerġija.

(5) Għalhekk, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-intrapriżi b'konsum tal-enerġija ta' aktar minn 10 TJ filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien u b'medja matul l-aħħar tliet snin, ikunu soġġetti għal awditi tal-enerġija filwaqt li l-intrapriżi b'konsum tal-enerġija li jaqbeż il-85 TJ jimplimentaw sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija.

(6) Madankollu, l-intrapriżi li jkunu taħt il-livell limitu tal-konsum fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jenħtieġ li jiġu mħeġġa jagħmlu awditi tal-enerġija u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minnhom.

(7) Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet xierqa u jiġi offrut appoġġ lill-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs), l-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw mekkaniżmi bħal ċentri tal-awditi tal-enerġija għall-SMEs u għall-mikrointrapriżi, fejn dawn ma jkunux f'kompetizzjoni ma' awdituri privati, biex jipprovdu awditi tal-enerġija, kif ukoll skemi oħra ta' appoġġ għall-SMEs. Fl-iżvilupp tal-iskemi u tal-programmi ta' appoġġ tagħhom għall-SMEs, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-programmi tagħhom jinkludu wkoll appoġġ għall-SMEs fil-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji multipli tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali għall-effiċjenza enerġetika u l-iżvilupp ta' networks tal-effiċjenza enerġetika għall-SMEs, iffaċilitati minn faċilitaturi indipendenti.

([1]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li thassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/27/oj).

([2]) In-Nota ta' gwida dwar id-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija – l-Artikolu 8: Awditi tal-enerġija u sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija, SWD (2013) 447 final, 6.11.2013.

([3]) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/1791/oj).

(8) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awditi tal-enerġija u s-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija jqisu l-Istandards Ewropej jew Internazzjonali rilevanti, bħal EN ISO 50001 (Sistemi tal-Ġestjoni tal-Enerġija), jew EN 16247-1 (Awditi tal-Enerġija), jew, jekk jekk jinkludu awditu tal-enerġija, l-EN ISO 14000 (Sistemi tal-Ġestjoni Ambjentali) u b'hekk ikunu wkoll konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness VI tar-riformulazzjoni tal-EED.

(9) Filwaqt li l-awditi tal-enerġija jistgħu jsiru fuq bażi awtonoma jew ikunu parti minn sistema usa' tal-ġestjoni ambjentali jew minn kuntratt usa' tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, fil-każijiet kollha bħal dawn dawk l-approċċi jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi tal-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

(10) L-Istati Membri jridu jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 sal-11 ta' Ottubru 2025, għajr għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(1) dwar l-implimentazzjoni tal-ewwel sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) dwar it-twettiq tal-ewwel awditu tal-enerġija mill-kumpaniji l-ġodda obbligati skont il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li jridu jiġu trasposti sal-11 ta' Ottubru 2027 u 2026 rispettivament.

(11) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu skont id-diskrezzjoni tagħhom il-mod kif jittrasponu u jimplimentaw ir-rekwiżiti rigward is-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija u l-awditi tal-enerġija li jkun adattat l-aħjar għaċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom. F'dan il-kuntest, ikun rakkomandat li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jiġu interpretati b'mod konsistenti li jikkontribwixxi għal fehim koerenti tad-Direttiva (UE) 2023/1791 fl-Istati Membri kollha fit-tħejjija tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu l-linji gwida interpretattivi fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni meta jittrasponu l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 fil-liġi nazzjonali tagħhom.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Kadri SIMSON
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

1. **INTRODUZZJONI**

Dawn il-linji gwida jipprovdu gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom jinterpretaw l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 meta jittrasponuh fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

Dawn il-linji gwida jissostitwixxu n-nota ta' gwida preċedenti, Nota ta' gwida dwar id-Direttiva 2012/27/UE tas-6 ta' Novembru 2013 dwar l-effiċjenza fl-enerġija – l-Artikolu 8: awditi tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija SWD (2013) 447 final. Xi partijiet tan-nota ta' gwida preċedenti għadhom jistgħu jkunu utli għall-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-awditi tal-enerġija.

Madankollu, l-interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni hija l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

2. **KUNTEST LEGALI U TA' POLITIKA**

L-awditi tal-enerġija u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija huma għodod essenzjali għall-kumpaniji (u għal entitajiet oħra bħall-korpi pubbliċi) biex jivvalutaw il-konsum tal-enerġija eżistenti u jidentifikaw opportunitajiet għall-iffrankar tal-enerġija. Id-Direttiva (UE) 2023/1791 għalhekk iżżomm ħafna mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/2002.

L-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jissostitwixxi l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE.

L-aktar differenza importanti bejn l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2018/2002 tikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu għall-intrapriżi li jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija jew awditu tal-enerġija.

Billi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/2002 jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni permezz tan-natura tal-intrapriża (jiġifieri SME jew le), skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791: "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi b'konsum annwali medju ogħla minn 85 TJ ta' enerġija tul it-tliet snin preċedenti, filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija".

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 11(2), *"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi b'konsum annwali medju ta' aktar minn 10 TJ ta' enerġija tul it-tliet snin preċedenti, filwaqt li jqisu l-vetturi tal-enerġija kollha flimkien, li ma jimplimentawx sistema ta' ġestjoni tal-enerġija, ikunu soġġetti għal awditu tal-enerġija"*.

L-Artikolu 11(1) u (2) ma jeskludi l-ebda settur ibbażat fuq l-attività tiegħu (pereżempju, installazzjonijiet tal-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emissions Trading Systems) jew detenturi ta' liċenzji għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (IPPC, Integrated Pollution Prevention and Control)).

3. **TERMINI EWLENIN UŻATI F'DAWN IL-LINJI GWIDA**

It-termini ewlenin li ġejjin huma l-aktar rilevanti fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

3.1. **Termini definiti fid-Direttiva (UE) 2023/1791 u fir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1])

Prodotti tal-enerġija

"Prodotti tal-enerġija" tfisser il-kombustibbli, is-sħana, l-enerġija rinnovabbli, l-elettriku, jew kwalunkwe forma oħra ta' enerġija kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008.

Sistema ta' ġestjoni tal-enerġija

"Sistema ta' ġestjoni tal-enerġija" tfisser sett ta' elementi interrelatati jew interattivi ta' strateġija li tistabbilixxi objettiv tal-effiċjenza enerġetika u pjan biex jinkiseb dak l-objettiv, inkluż il-monitoraġġ tal-konsum reali tal-enerġija, l-azzjonijiet meħuda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u l-kejl tal-progress, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (16), tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1099/oj).

Awditu tal-enerġija

"Awditu tal-enerġija" tfisser proċedura sistematika bl-iskop li jinkiseb għarfien adegwat tal-profil tal-konsum tal-enerġija ta' binja jew ta' grupp ta' bini, ta' operazzjoni jew ta' installazzjoni industrijali jew kummerċjali jew ta' servizz privat jew pubbliku, li jiġu identifikati u kwantifikati opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija kosteffettiv, jiġi identifikat il-potenzjal għal użu jew produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli, u jiġu rrapportati s-sejbiet, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (32), tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

Konsum finali tal-enerġija

"Konsum finali tal-enerġija" jew "FEC" (Final Energy Consumption) huwa definit fl-Artikolu 2, il-punt (6) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 bħala l-enerġija kollha pprovduta lill-industrija, lit-trasport, inkluż il-konsum tal-enerġija fl-avjazzjoni internazzjonali, lill-unitajiet domestiċi, lis-servizzi pubbliċi u privati, lill-agrikoltura, lill-forestrija, lis-sajd u lil setturi oħra tal-użu aħħari, minbarra l-konsum tal-enerġija fil-bunkers marittimi internazzjonali, l-enerġija ambjentali u l-konsenji lis-settur tat-trasformazzjoni u lis-settur tal-enerġija, u t-telf minħabba t-trażmissjoni u d-distribuzzjoni kif definit fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008.

3.2. **Termini mhux definiti fid-Direttiva (UE) 2023/1791 u lanqas f'atti oħra tal-Unjoni legalment vinkolanti**

Intrapriża

"Intrapriża" mhijiex definita fid-Direttiva (UE) 2023/1791. Madankollu, l-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([2]), huwa msemmi fl-Artikolu 2(30) u (31) tad-Direttiva (UE) 2023/1791. L-Artikolu 1 tat-Titolu I ta' dak l-Anness jirreferi għal "intrapriża" bħala "kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha. Dan jinkludi, b'mod partikolari, persuni li jaħdmu għal rashom u negozji tal-familja involuti f'attivitajiet artiġjanali jew attivitajiet oħra, u sħubijiet jew assoċjazzjonijiet involuti regolarment f'attività ekonomika" ([3]).

Fil-kuntest tad-Direttiva (UE) 2023/1791, il-Kummissjoni tinterpreta dan bħala li jfisser li:

— Huma biss l-intrapriżi fit-territorju ta' Stat Membru li huma obbligati jikkonformaw. Madankollu, meta jiġi vvalutat il-konsum tal-enerġija tagħhom, għandhom jiġu kkunsidrati l-intrapriżi assoċjati kollha fit-territorju tal-UE.

— L-intrapriżi, li huma parzjalment jew kompletament proprjetà ta' korpi pubbliċi jew ikkontrollati minnhom, huma koperti wkoll mill-obbligi tal-Artikolu 11(1) u tal-Artikolu 11(2).

— L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija u awditi tal-enerġija fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, kif indikat mill-Premessa (84) tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

4. **METODOLOĠIJI GĦALL-KALKOLU TAL-KONSUM ANNWALI MEDJU TA' INTRAPRIŻA**

Il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat jekk intrapriża taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu f'sena partikolari "***n***" skont l-Artikolu 11(1) jew l-Artikolu 11(2), huma bbażati fuq il-konsum finali annwali medju tal-enerġija matul it-tliet snin preċedenti (n-3, n-2 u n-1). Bl-iskadenza għat-traspożizzjoni tal-10 ta' Ottubru 2025, l-obbligu għall-2025 irid jiġi vvalutat abbażi tal-medja tal-ammonti annwali tal-konsum finali tal-enerġija tal-intrapriża fl-2022, fl-2023 u fl-2024.

L-approċċ rakkomandat għall-kalkolu ta' din il-metrika deskritta f'din it-taqsima għandu l-għan li jiżgura sforz raġonevoli kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-intrapriżi, u għalhekk iqis biss il-kontijiet tal-enerġija fatturati ([4]) lil intrapriża (ara 4.2) u l-awtokonsum tal-enerġija prodotta mill-enerġija rinnovabbli.

([2]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (notifikata bid-dokument numru C(2003) 1422) (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

([3]) Is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni* vs *l-Italja*, il-Kawża C-118/85, ECLI: EU:C:1987:283, il-punt 7; is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 1998, *Il-Kummissjoni* vs *l-Italja*, C-35/96, ECLI: EU:C:1998:303, ECR I-3851, CNSD, il-punt 36; is-sentenza tad-19 ta' Frar 2002, *Wouters*, C-309/99, ECLI: EU:C:2002:98, il-punt 46.

([4]) Għat-trasportaturi tal-enerġija li mhumiex fatturati abbażi tal-unitajiet tal-enerġija, l-unitajiet tal-piż (eż. tunnellata għall-faħam) u tal-volum (eż. m^3 għall-injam) jistgħu jitqiesu fil-kontijiet tal-enerġija.

Madankollu, jekk intrapriża diġà jkollha stima aktar akkurata tal-konsum finali tal-enerġija annwali tagħha, pereżempju minħabba li tkun diġà implimentat sistema ta' ġestjoni tal-enerġija jew tkun wettqet awditu tal-enerġija, din l-informazzjoni għandha tintuża.

4.1. **Konfini tas-sistema**

Il-konfini tas-sistema mhumiex definiti fid-Direttiva (UE) 2023/1791 u din it-taqsima għandha sservi bħala linja gwida biss. Il-konfini tas-sistema jistgħu jitqiesu bħala l-limiti fiżiċi jew organizzattivi ta' sistema analizzata, fil-każ ta' awditi tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija tal-intrapriża inkwistjoni.

Fil-kuntest tad-Direttiva (UE) 2023/1791, il-konsum tal-enerġija għandu jitqies f'termini ta' "konsum finali tal-enerġija" kif definit fl-Artikolu 2(5).

It-trasportaturi tal-enerġija kollha u l-użi kollha tal-enerġija (eż. il-ventilazzjoni, it-tidwil, it-tisħin, it-tkessiħ, it-trasport, il-ħżin tad-*data*, u l-proċessi tal-produzzjoni) għandhom jitqiesu meta jiġi kkalkulat il-konsum annwali medju tal-enerġija ta' intrapriża.

4.2. **Kontijiet tal-enerġija fatturati lill-intrapriża**

Meta jiġi kkalkulat il-konsum annwali medju ta' intrapriża għall-iskop tal-identifikazzjoni tal-intrapriżi obbligati, jitqiesu l-aktar il-kontijiet tal-enerġija fatturati lill-intrapriża. Madankollu, l-enerġija kkunsmata, li ġiet ikkonsenjata minn fornitur ta' servizz tal-enerġija ([5]) lill-intrapriża (eż. permezz ta' kuntrattar ta' servizz tal-enerġija) għandha titqies ukoll mill-intrapriża li tixtri.

Fir-rigward tas-sehem tal-awtokonsum tal-enerġija prodotta mill-enerġija rinnovabbli fil-konfini tas-sistema (eż. meta l-elettriku jiġi prodott minn pannelli fotovoltajċi fis-sit tal-intrapriża), dan għandu jiġi inkluż ukoll ([6]). Madankollu, is-sehem tal-enerġija prodotta li tiddaħħal fil-grilja jew fin-network għandu jitnaqqas mill-konsum imkejjel u fatturat, jekk dan ma jkunx diġà sar awtomatikament.

4.3. **Valutazzjoni ta' intrapriżi bi strutturi kumplessi**

Il-valutazzjoni tal-konsum annwali medju tal-enerġija fuq tliet snin hija relattivament sempliċi għall-intrapriżi awtonomi ([7]). Għall-intrapriżi bi struttura aktar kumplessa, il-konsum finali annwali tal-enerġija jista' jiġi kkalkulat bl-istess mod bħaċ-ċifri dwar l-impjegati, il-fatturat annwali jew il-karti tal-bilanċ annwali jiġu kkalkulati f'konformità mal-"gwida għall-utent għad-definizzjoni ta' SME" ([8]). Din il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-istatus tal-SME hija magħrufa sew mill-awtoritajiet nazzjonali u l-intrapriżi.

Dan id-dokument jipprovdi gwida dwar kif għandha tiġi pproċessata d-*data* skont il-kategorija ta' intrapriża u r-relazzjonijiet ma' intrapriżi oħra (ara l-Illustrazzjoni 1). L-approċċ issuġġerit f'din il-gwida għall-kalkolu tal-konsum annwali tal-enerġija jqis biss l-intrapriżi assoċjati (b'kontroll ta' aktar minn 50 %) iżda mhux l-intrapriżi sħab.

([5]) Definizzjoni ta' fornitur ta' servizz tal-enerġija inkluża fl-Artikolu 2(29) tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

([6]) L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-esklużjoni tal-awtokonsum tal-enerġija prodotta mill-enerġija rinnovabbli (bl-eċċezzjoni tal-bijoenerġija).

([7]) "Intrapriża awtonoma" tfisser "intrapriża tkun awtonoma jekk tkun kompletament indipendenti jew ikollha sħubija minoritarja waħda jew aktar (kull waħda inqas minn 25 %) ma' intrapriżi oħra" skont l-Artikolu 3 §1 fit-Titolu I tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.

([8]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, Gwida għall-Utent għad-Definizzjoni ta' SME, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, DocsRoom – il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).



			A tappartjeni għal...		A għandha...		Il-konsum tal-enerġija kkunsidrat għall-valutazzjoni finali ta' A
	TJ	Obbligu	Sehem	Ponderazzjoni	Sehem	Ponderazzjoni	TJ
A	11	EA	0 %	100 %	0 %	0 %	*11,00*
B	40	EA	60 %	100 %	0 %	0 %	*40,00*
K	40	EA	0 %	0 %	33 %	0 %	–
D	40	EA	0 %	0 %	100 %	100 %	*40,00*
A		**Sistema ta' ġestjoni tal-enerġija (EnMS, Energy Management System)**					**91,00**

Illustrazzjoni 1

Approċċ għall-kalkolu tal-konsum finali tal-enerġija annwali ta' intrapriżi aktar kumplessi (abbażi tal-Gwida għall-utent għad-definizzjoni ta' SME, KE 2020)

L-intrapriżi nfushom iridu jirrapportaw lil awtorità nazzjonali, jekk il-konsum tal-enerġija tagħhom jaqbeż il-livell limitu ta' 10 TJ jew 85 TJ f'sena partikolari, kif iddikjarat fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva (UE) 2023/1791. Konsegwentement, l-intrapriżi se jkunu responsabbli għall-valutazzjoni tal-konsum tal-enerġija tagħhom u jistgħu jużaw l-approċċ ippreżentat fl-Illustrazzjoni 1 u jipprovdu informazzjoni dwar il-metodoloġiji tal-kalkolu, inklużi s-suppożizzjonijiet magħmula.

Biex dan jiġi ffaċilitat, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jipprovdu lill-intrapriżi b'informazzjoni dwar l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva (UE) 2023/1791, b'linji gwida wkoll għall-kalkolu tal-konsum finali annwali tal-enerġija. Għandha tiġi kkunsidrata wkoll għodda ta' rapportar online (li tista' tkun ibbażata fuq il-metodoloġija tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE) jew sistema oħra għar-rapportar tal-informazzjoni meħtieġa. Kull intrapriża, inklużi dawk bi strutturi kumplessi, imbagħad tkun tista' tikkalkula l-konsum annwali tal-enerġija tagħha skont is-sitwazzjoni speċifika tagħha u tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.

Fl-eżempju muri fl-Illustrazzjoni 1, l-intrapriża A, li tikkonsma aktar minn 10 TJ hi stess, li kieku kienet intrapriża awtonoma, kienet tkun obbligata twettaq awditu tal-enerġija. Peress li A hija intrapriża assoċjata, l-intrapriżi kollha marbuta ma' A għandhom jitqiesu meta jiġi kkalkulat il-konsum tal-enerġija ta' A. Peress li A hija marbuta ma' B u D, għalhekk il-konsum tal-enerġija ta' B u D jiżdied mal-konsum ta' A. Peress li A għandha inqas minn 50 % ta' C, C mhijiex intrapriża assoċjata ma' A u għalhekk il-konsum tal-enerġija ta' C jista' ma jitqiesx. ([9]) Il-konsum totali tal-enerġija jew A u l-intrapriżi assoċjati tagħha huwa ta' 91 TJ u għalhekk l-intrapriża A hija obbligata timplimenta sistema ta' ġestjoni tal-enerġija.

L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw li l-intrapriżi jifhmu kif jivvalutaw il-konsum tal-enerġija billi jipprovdu eżempji u, jekk meħtieġ, mudelli u/jew għodod.

4.4. Identifikazzjoni tal-intrapriżi obbligati mill- Istati Membri

Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tal-intrapriżi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 11(1) u 11(2), l-Istati Membri jistgħu jobbligaw lill-intrapriżi kollha jirrapportaw kull sena dwar il-konsum annwali tal-enerġija tagħhom lil awtorità nazzjonali, meta jittrasponu l-Artikolu 11(3) fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

([9]) L-Istati Membri jistgħu wkoll jieħdu approċċ differenti u fil-kalkoli jinkludu wkoll il-konsum tal-enerġija tal-intrapriżi sħab.

Jekk l-Istati Membri jobbligaw lill-intrapriżi jirrappurtaw biss ladarba jkunu qabżu l-livell limitu ta' 10 TJ jew 85 TJ, se jkun hemm nuqqas ta' *data* biex jiġi kkalkulat il-konsum medju tal-enerġija fuq tliet snin. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw approċċ aktar elaborat biex jidentifikaw l-intrapriżi rilevanti. Abbażi parzjalment tal-aħjar prattiki tal-implimentazzjoni tal-EED 2018, approċċ possibbli jkun dan li ġej (Illustrazzjoni 2):



Illustrazzjoni 2

Approċċ issuġġerit biex jiġu identifikati l-intrapriżi obbligati

L-Istati Membri jistgħu jobbligaw f'livell nazzjonali lil intrapriża tivvaluta l-konsum annwali tal-enerġija tagħha abbażi ta' rapportar minn sistema ta' ġestjoni tal-enerġija kontinwa jew abbażi ta' awditu reċenti tal-enerġija (mhux eqdem minn erba' snin) jew li tagħmel awtovalutazzjoni (ara l-punt 4.3).

Kull sena, l-Istati Membri jistgħu jippubblikaw lista magħżula minn qabel ta' intrapriżi meqjusa li huma soġġetti għall-Artikolu 11(1) jew għall-Artikolu 11(2). Kif indikat fl-Illustrazzjoni 2, il-lista magħżula minn qabel tista' tinkludi l-intrapriżi li ġejjin:

— Li jkunu rrappurtaw lill-awtorità nazzjonali konsum annwali tal-enerġija ta' aktar minn 10 TJ mill-inqas darba fit-tliet snin preċedenti (ara hawn fuq).

— Li kienu diġà obbligati skont l-Artikolu 8 tal-EED 2018 jew skont l-Artikolu 11(1) jew l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva (UE) 2023/1791. Dawn l-intrapriżi jistgħu jkunu diġà elenkati f'bażi tad-*data* nazzjonali.

— Li għalihom hemm evidenza disponibbli li l-konsum annwali tal-enerġija tagħhom qabeż limitu partikolari, eż. 8 TJ, darba fit-tliet snin preċedenti. Jista' jiġri li dawn l-intrapriżi qabżu l-limitu ta' 10 TJ fit-tliet snin preċedenti. L-evidenza tista' tinkludi *data* pprovduta mill-utilitajiet, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-EU ETS (id-Direttiva 2003/87/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2023/959), ċifri mill-awditi tal-enerġija, programmi ta' inċentivi għall-intrapriżi, u rapporti pubbliċi (eż. dikjarazzjonijiet jew rapporti tal-EMAS skont id-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà ([10])).

L-Istati Membri huma mħeġġa jippubblikaw il-lista magħżula minn qabel u jikkuntattjaw lill-intrapriżi identifikati. Il-lista magħżula minn qabel għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— Isem l-intrapriża.

— Indirizz tal-intrapriża.

— Konsum finali tal-enerġija ta' mill-inqas 10 TJ: Iva/Le.

— Konsum finali tal-enerġija ta' mill-inqas 85 TJ: Iva/Le.

Barra minn hekk, l-isem, il-kunjom u l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna ta' kuntatt għall-intrapriża għandhom jingħabru wkoll, iżda ma jiġux ippubblikati.

L-Istati Membri mbagħad jistgħu jeżiġu:

— Lill-intrapriżi fil-lista magħżula minn qabel jirrapportaw il-konsum annwali tal-enerġija ta' kull waħda mit-tliet snin preċedenti flimkien mal-konsum medju tal-enerġija matul dan il-perjodu ta' żmien; l-intrapriżi mhux awtonomi għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni addizzjonali (il-konsum tal-enerġija u l-parteċipazzjoni azzjonarja) tal-intrapriżi assoċjati.

— Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11(1) jew tal-Artikolu 11(2) biex tiddikjara hija stess u tirrapporta l-konsum annwali tal-enerġija ta' kull waħda mit-tliet snin preċedenti flimkien mal-konsum medju tal-enerġija matul dan il-perjodu ta' żmien; l-intrapriżi mhux awtonomi għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni addizzjonali (il-konsum tal-enerġija u l-parteċipazzjoni azzjonarja) tal-intrapriżi assoċjati.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jwettqu verifiki tal-kampjunar (primarjament iffukati fuq l-intrapriżi fil-lista ta' preselezzjoni) biex jivverifikaw jekk l-informazzjoni rrappurtata mill-intrapriżi hijiex korretta.

L-intrapriżi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa lill-awtorità nazzjonali inkarigata mill-implimentazzjoni tal-Artikolu 11 bl-użu ta' pjattaforma nazzjonali, jew għodda online oħra, jew preeżistenti jew imfassla speċifikament għal dan l-iskop.

L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jippubblikaw fuq bażi annwali l-lista finali tal-intrapriżi li jaqgħu taħt l-obbligu tal-Artikolu 11(1) jew l-Artikolu 11(2), kif ukoll il-konsum medju tal-enerġija fuq tliet snin, u t-tip ta' obbligu (awditu tal-enerġija jew sistema ta' ġestjoni tal-enerġija).

L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu mbagħad jikkuntattjaw lill-intrapriżi kollha soġġetti għall-Artikolu 11(1) jew għall-Artikolu 11(2) sabiex jinfurmawhom dwar l-obbligi tagħhom (inkl. l-iskadenzi).

Sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-intrapriżi, l-Istati Membri jistgħu f'kull stadju tal-proċess:

— Jinfurmaw lill-intrapriżi (anke permezz ta', pereżempju, assoċjazzjonijiet settorjali) dwar l-obbligu tal-Artikolu 11(1) u tal-Artikolu 11(2).

— Iħejju linji gwida u/jew FAQs biex itejbu l-komunikazzjoni.

— Jiffaċilitaw il-proċess ta' awtodikjarazzjoni (eż. billi jipprovdu sistema online).

([10]) Ara 6.1.

5. OBBLIGI RELATATI MAD-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SISTEMA TA' ĠESTJONI TAL-ENERĠIJA SKONT L-ARTIKOLU 11(1)

5.1. Kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit f'konformità mad-Direttiva (UE) 2023/1791

L-intrapriżi b'konsum annwali medju tal-enerġija ogħla minn 85 TJ matul it-tliet snin preċedenti huma obbligati jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija.

Is-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija għandhom jiġu ċċertifikati "minn korp indipendenti skont l-Istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti". Sabiex tiġi żgurata kwalità għolja tas-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija li tkun komparabbli internazzjonalment u li tinkludi l-għanijiet, il-proċessi, il-kopertura tas-segmenti tal-enerġija, l-implimentazzjoni u l-aġġornamenti, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-intrapriżi jirreferu għal dawn l-istandards u jwettqu awditi tal-enerġija f'konformità mal-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2023/1791 fi ħdan l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija. L-aktar standard internazzjonali rilevanti minn din il-perspettiva huwa l-ISO 50001, li huwa applikat b'mod wiesa'. L-iżgurar ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija ta' kwalità għolja huwa prerekwiżit importanti għal rata għolja ta' implimentazzjoni tal-miżuri ta' ffrankar tal-enerġija identifikati u rakkomandati.

F'konformità mal-ISO 50001, is-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jinkludu analiżijiet tal-enerġija bħala parti inerenti miċ-ċiklu kontinwu ppjana–wettaq–ivverifika–aġixxi. Għalkemm il-familja tal-istandard ISO 50000 tinkludi standards għall-awditi tal-enerġija (ara l-Illustrazzjoni 3), l-ISO 50001 ma jinkludix referenza diretta għall-ISO 50002 (awditi tal-enerġija). Għalhekk, l-awditi tal-enerġija ([11]) f'konformità mal-ISO 50002 jew l-EN 16247-1 mhumiex meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija. Madankollu, kemm l-ISO 50001 kif ukoll l-ISO 50002 jiddikjaraw li l-awditi tal-enerġija jistgħu jappoġġjaw l-analiżijiet tal-enerġija.

Awditu tal-enerġija jista' jitqies bħala strument awtonomu għall-valutazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' entità (eż. grupp ta' intrapriżi assoċjati, intrapriża, faċilità jew bini), inklużi rakkomandazzjonijiet għal miżuri ta' titjib. B'kuntrast ma' dan, analiżi tal-enerġija hija integrata fi proċess kontinwu għat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u għandha tiġi analizzata u aġġornat regolarment, tipikament fuq bażi annwali.



Illustrazzjoni 3

Qafas ġenerali tal-familja tal-ISO 50000 (ibbażat fuqwww.weka.de/energie/die-normenfamilie-der-din-en-iso-50001)

Fil-prattika, l-awditi tal-enerġija jitwettqu b'mod komuni f'konformità mal-istandards internazzjonali u Ewropej imsemmija hawn fuq (bħala parti mis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija), peress li dawn l-istandards jipprovdu gwida utli għal awditi tal-enerġija ta' kwalità għolja li jistgħu jappoġġjaw l-analiżi tal-enerġija. L-analiżijiet tal-enerġija (jew l-awditi tal-enerġija) fis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jridu jiġu aġġornati regolarment, tipikament f'ċikli annwali.

L-Anness VI jiċċara li l-awditi tal-enerġija, inklużi dawk imwettqa bħala parti mis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, iridu jissodisfaw lista ta' kriterji, li huma maħsuba biex jiggarantixxu livell għoli ta' kwalità, u b'hekk tiżdied il-probabbiltà li l-implimentazzjoni twassal għall-iffrankar tal-enerġija u għall-użu tal-enerġija rinnovabbli.

([11]) Ta' min jinnota li "l-awditi interni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija" ma għandhomx jiġu konfużi ma' "awditi tal-enerġija".

Barra minn hekk, l-Anness VI jirrikjedi li d-"*data* użata" fl-awditi tal-enerġija għandha tkun "tinħażen għall-analiżi storika u t-traċċar tar-rendiment". Dan ir-rekwiżit tad-*data* jista' jintuża mill-awtoritajiet nazzjonali biex jimmonitorjaw l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija fl-Istati Membri. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-istruttura u l-format tad-*data* li jeħtieġ li tiġi rrapportata lill-awtoritajiet jew lill-korpi responsabbli għall-monitoraġġ fl-Istati Membri.

Tipikament, l-analiżijiet tal-enerġija bħala parti mis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jitwettqu minn esperti interni tal-enerġija jew minn maniġers tal-enerġija. Sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-esperti tal-enerġija interni, dawn il-persuni ma għandhomx ikunu direttament responsabbli għal xi wieħed mis-setturi tal-enerġija (bini, proċessi, trasport) li huma soġġetti għall-analiżi tal-enerġija. F'xi każijiet, l-awditi tal-enerġija jitwettqu minn awdituri esterni tal-enerġija, li tipikament jirreferu għall-istandards tal-awditi tal-enerġija. Dawn l-awditi tal-enerġija jappoġġjaw direttament l-analiżi tal-enerġija. Iċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija minn korp indipendenti teħtieġ il-kontinwità tal-proċessi u tgħin biex ittejjeb ir-rata u l-kwalità tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

5.2. **Skadenzi**

L-Artikolu 11(1) jiddefinixxi skadenza ċara ta' sentejn wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni (jiġifieri, l-10 ta' Ottubru 2027) biex ikun hemm fis-seħħ sistema ta' ġestjoni tal-enerġija għall-intrapriżi, li għandhom konsum annwali medju tal-enerġija ta' aktar minn 85 TJ.

Għalkemm mhux iddikjarat b'mod espliċitu fid-Direttiva (UE) 2023/1791, skont l-istess loġika u sabiex l-intrapriżi kollha jiġu ttrattati bl-istess mod, anke l-intrapriżi li jsiru soġġetti għall-obbligu tal-Artikolu 11(1) f'data aktar tard, se jkollhom sentejn biex jintroduċu s-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija.

Madankollu, id-Direttiva (UE) 2023/1791 ma tistabbilixxix data ċara għall-forniment taċ-ċertifikazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu ċertifikazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija bħala prova tat-twettiq tal-obbligu fil-perjodu ta' sentejn.

5.3. **Kwantifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali (kumulattiv) miksub**

F'konformità mal-kriterji minimi għall-awditi tal-enerġija minquxa fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-awditu tal-enerġija għandu jidentifika miżuri tal-effiċjenza enerġetika biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija. Peress li l-iffrankar tal-enerġija ma jistax jitkejjel direttament, dawn jirrikjedu d-definizzjoni ta' linja bażi tal-enerġija biex titqabbel mal-konsum tal-enerġija attwali – jew mistenni.

L-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-intrapriżi biex jirreferu għal protokolli jew standards internazzjonali bħall-Protokoll Internazzjonali dwar il-Kejl u l-Verifika tar-Rendiment (IPMVP), l-ISO 50006, l-ISO 50015 jew l-EN 16212 biex jikkalkulaw l-iffrankar tal-enerġija jew iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika. Dawn l-istandards u l-protokolli huma applikati b'mod wiesa' fis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija u fil-kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

5.4. **Il-kejl, il-kontroll tal-monitoraġġ, il-kwalità u l-verifika mill-Istati Membri**

Flimkien ma' sommarju tal-awditi tal-enerġija jew tal-analiżijiet tal-enerġija għandha tiġi rrapportata lista sommarja tar-rakkomandazzjonijiet għall-miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inklużi ċ-ċifri li jirriżultaw għall-valutazzjoni ekonomika (il-perjodu tal-irkupru jew indikaturi simili) tal-iffrankar tal-enerġija, lill-awtorità nazzjonali responsabbli għall-monitoraġġ. L-Istati Membri għandhom jipprovdu dokumenti ta' gwida u jiddefinixxu standards minimi għar-rapportar (eż. billi jipprovdu mudelli u/jew għodod online).

6. OBBLIGI RELATATI MAD-DISPOŻIZZJONIJIET TAL-AWDITI TAL-ENERĠIJA SKONT L-ARTIKOLU 11(2)

6.1. **Kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit**

L-intrapriżi b'konsum annwali medju tal-enerġija ogħla minn 10 TJ matul it-tliet snin preċedenti li ma jimplimentawx sistema ta' ġestjoni tal-enerġija, iridu jwettqu awditu tal-enerġija u r-rakkomandazzjonijiet mill-awditu tal-enerġija jridu jirriżultaw fi **Pjan ta' Azzjoni** konkret u fattibbli.

Pjan ta' Azzjoni bħal dan għandu "jiġi trażmess lill-maniġment tal-intrapriża" u għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet kollha li huma "teknikament jew ekonomikament fattibbli". Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni għandu jiġi "ppubblikat fir-rapport annwali tal-intrapriża" flimkien mar-"rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet", li għandha tkun "disponibbli għall-pubbliku". Sakemm l-intrapriża jkollha obbligu skont l-Artikolu 11(2), il-Pjan ta' Azzjoni u l-istatus tar-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni (aġġornata) għandhom jiġu ppubblikati kull sena.

Meta jiddefinixxu r-rekwiżiti għall-kontenut tal-Pjanijiet ta' Azzjoni li l-intrapriżi jridu jħejju, l-Istati Membri huma mħeġġa jillimitaw dawn ir-rekwiżiti sal-punt massimu possibbli u jkunu konxji tal-ħtieġa li jiġi evitat piż tar-rapportar mhux meħtieġ fuq l-intrapriżi.

L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jiżguraw, kemm jista' jkun, li l-intrapriżi ma jkunux soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar duplikati jew li jikkoinċidu. B'mod partikolari, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni u l-punti tad-*data* eżistenti fl-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS, European Sustainability Reporting Standards) u fl-istandard volontarju tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-SMEs li qed jiġi żviluppat mill-EFRAG, u sa fejn ikun possibbli, jibbażaw ir-rekwiżiti għall-kontenut tal-Pjanijiet ta' Azzjoni fuq dawk ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni u l-punti tad-*data*.

L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-intrapriżi li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar tad-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà ([12]) (id-Direttiva (UE) 2022/2464, minn hawn 'il quddiem CSRD, Corporate Sustainability Reporting Directive) u l-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà jissodisfaw ir-rekwiżit li jippubblikaw Pjan ta' Azzjoni billi jintegraw l-informazzjoni meħtieġa dwar il-Pjanijiet ta' Azzjoni fil-pjan ta' tranżizzjoni klimatika li l-intrapriżi jippubblikaw skont is-CSRD/ESRS.

L-ESRS E1 (Rekwiżiti ġenerali) jippermetti b'mod espliċitu lill-intrapriżi jinkludu fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà tagħhom informazzjoni addizzjonali li tirriżulta minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew nazzjonali li tirrikjedi li l-intrapriża tiddivulga informazzjoni dwar is-sostenibbiltà.

Barra minn hekk, intrapriża kkonċernata diġà se tirrapporta taħt E1-5 il-konsum annwali tal-enerġija tagħha u taħt E3-4 il-konsum totali tal-ilma tagħha f'm3, jekk tali informazzjoni titqies bħala materjali f'konformità mal-ESRS. L-ESRS1 7.1 jiżgura wkoll informazzjoni komparattiva fir-rigward tal-perjodu preċedenti għall-metriċi kwantitattivi kollha rrapportati.

Abbażi tal-awditu tal-enerġija, il-Pjan ta' Azzjoni jista' jipprovdi sommarju strutturat tal-azzjonijiet għat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPIAs) li huma parti mill-awditu tal-enerġija. Jekk ikun utli għall-intrapriża partikolari, l-EPIAs jista' jiġi differenzjat aktar f'miżuri ta' investiment baxxi (inkluż l-ebda miżura), medji u għoljin u jista' jagħti indikazzjonijiet tal-perjodi rispettivi ta' rkupru tal-kost jew indikaturi ekonomiċi xierqa oħra. Għall-każijiet speċifiċi, miżuri ta' titjib jistgħu jiġu assenjati wkoll għall-proċessi ta' produzzjoni ċentrali tal-intrapriża, inklużi l-linji tal-produzzjoni, u l-proċessi anċillari inklużi d-dawl, it-tisħin, il-ventilazzjoni, l-arja kundizzjonata jew l-arja kkompressata.

Din l-informazzjoni kollha tgħin biex tiżdied ir-rata ta' implimentazzjoni. Ir-rata ta' implimentazzjoni hija mifhuma hawnhekk bħala l-għadd ta' EPIAs implimentat bis-sħiħ meta mqabbel mal-lista sħiħa tal-EPIAs rakkomandat, u l-iffrankar sussegwenti tal-enerġija jista' jiġi inkluż ukoll.

L-intrapriżi b'konsum annwali tal-enerġija ta' aktar minn 10 TJ jew 85 TJ rispettivament iridu jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-implimentazzjoni tal-Artikolu 11 (ara l-punt 4.4). Pjattaforma eżistenti jew ġdida għall-ġbir tad-*data* tista' tintuża għal dan l-iskop. L-Istati Membri jistgħu jkunu jixtiequ jikkunsidraw il-Portal Ewropew ta' Aċċess Uniku futur f'dan ir-rigward. Sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-enerġija jew awditu tal-enerġija rispettivament, ir-rekwiżiti dettaljati tad-*data* u l-iskedi ta' żmien xierqa għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri.

6.2. **Skadenzi**

L-Artikolu 11(2) jiddefinixxi skadenza ċara ta' sena għall-konformità mar-rekwiżiti tal-awditi tal-enerġija għall-intrapriżi b'konsum annwali medju tal-enerġija ta' aktar minn 10 TJ fiż-żmien tat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2023/1791. Għalkemm mhux iddikjarat b'mod espliċitu fid-Direttiva (UE) 2023/1791, skont l-istess loġika u sabiex l-intrapriżi kollha jiġu ttrattati b'mod ugwali, anke l-intrapriżi li jsiru soġġetti għall-obbligi tal-Artikolu 11(2) f'data aktar tard, se jkollhom sena biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-awditi tal-enerġija.

Jekk il-konsum annwali medju tal-enerġija jaqa' taħt il-livell limitu ta' 10 TJ, ma jkunx meħtieġ awditu tal-enerġija (anki jekk kien jeżisti obbligu fis-sena/snin preċedenti skont l-EED 2018).

([12]) Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj).

6.3. **Kriterji tal-kwalità għall-awditi tal-enerġija (l-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2023/1791)**

Il-kwalità ta' awditu tal-enerġija hija deċiżiva għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika. L-assigurazzjoni tal-kwalità tista' tikkonċerna l-kwalifika tal-awdituri tal-enerġija u jista' jkun fiha kriterji għall-proċess tat-twettiq ta' awditu tal-enerġija u l-kontenut u l-livell ta' dettall meħtieġa mill-awditi tal-enerġija u r-rapporti rispettivi. Dan huwa rifless fl-Artikolu 11(2), li jiddikjara li l-awditi tal-enerġija għandhom jew "jitwettqu b'mod indipendenti u kosteffettiv minn esperti kwalifikati jew akkreditati, f'konformità mal-Artikolu 28" jew "implimentati u ssorveljati minn awtoritajiet indipendenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali".

Hemm standards Ewropej u internazzjonali għall-awditi tal-enerġija, b'mod partikolari ISO 50002:2014, li huwa bbażat fuq EN 16247-1:2012. It-tnejn huma referenzi affidabbli rigward il-kwalità tal-awditi tal-enerġija f'termini ta' għanijiet, proċessi, kopertura tas-segmenti tal-enerġija, valutazzjoni u rakkomandazzjonijiet tal-miżuri. Dawn l-istandards jistgħu jipprovdu gwida utli meta jiġu żviluppati kriterji minimi nazzjonali bbażati fuq l-Anness VI. Barra minn hekk, l-EN 16247-1, li ġie aġġornat reċentement fl-2022, ġie żviluppat speċifikament fil-kuntest tad-Direttiva preċedenti dwar is-Servizzi tal-Enerġija u jista' jiġi applikat bħala għodda konsistenti bħala parti minn sistema ta' ġestjoni usa' (eż. ISO 50001 jew ISO 14000). Ta' min jinnota li, għalkemm issir referenza kemm għall-ISO 50001 kif ukoll għall-ISO 14000, l-ISO 50001 jimmira b'mod speċifiku għall-konsum tal-enerġija, filwaqt li l-ISO 14000 jiffoka fuq titjib ambjentali aktar ġenerali. Fl-2021, l-ISO 50005 ġie introdott bħala l-istandard iddedikat għall-implimentazzjoni gradwali tas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija fl-SMEs. Il-kunsiderazzjoni tal-istandards Ewropej u/jew internazzjonali hija utli biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-intrapriżi b'attivitajiet f'diversi Stati Membri.

Il-punt (c) tal-Anness VI għall-ewwel darba jirrikjedi b'mod espliċitu li l-awditi tal-enerġija għandhom "jidentifikaw miżuri tal-effiċjenza enerġetika biex jonqos il-konsum tal-enerġija". Dan huwa konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ISO 50002:2014 u fl-EN 16247-1:2012, fejn l-awditur tal-enerġija jrid jidentifika opportunitajiet biex itejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija. Is-sistemi ta' ġestjoni (eż. ISO 50001 jew ISO 14000) ukoll għandhom rekwiżiti simili. Fil-prattika, l-awditu għandu jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-opportunitajiet ta' titjib inkluż l-iffrankar finanzjarju, l-investimenti meħtieġa, l-analiżi ekonomika u l-benefiċċji mhux tal-enerġija. Għandhom jiġu ppreżentati interazzjonijiet possibbli bejn il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u għandu jiġi pprovdut tqabbil, jekk jiġu proposti miżuri alternattivi tal-effiċjenza enerġetika.

Barra minn hekk, l-Anness VI (d) jinkludi rekwiżit ġdid biex "jidentifikaw il-potenzjal għal użu jew produzzjoni kosteffettivi ta' enerġija rinnovabbli". Skont it-trasportatur tal-enerġija, dan jista' jwassal biex jiġu miġġielda l-isforzi tal-effiċjenza enerġetika, eż. jekk il-bojlers tal-gass (effiċjenti ħafna) jiġu sostitwiti b'bojlers tal-fjuwil solidu tal-bijomassa (tipikament inqas effiċjenti). Madankollu, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi. Għall-awditi tal-enerġija, jista' jiġi applikat approċċ diġà implimentat fil-kuntest tal-EPBD, fejn għandha titqies u tiġi analizzata l-possibbiltà li tintuża jew tiġi prodotta l-enerġija rinnovabbli. ([13]) L-analiżi jkollha tiġi ddokumentata fl-awditu tal-enerġija.

6.3.1. *Kontenut tal-awditu u r-rapport tal-awditi*

L-Anness VI (f) jiddikjara li l-awditi tal-enerġija jridu jkunu "proporzjonati, u rappreżentattivi biżżejjed, biex tkun tista' titfassal stampa affidabbli tar-rendiment ġenerali tal-enerġija". Għalhekk, id-definizzjoni tal-kopertura minima (*de minimis* ([14])) ta' awditu tal-enerġija hija prerekwiżit importanti biex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit. ([15])

([13]) Il-valutazzjoni tal-fattibbiltà teknika, ambjentali u ekonomika ta' sistemi alternattivi b'effiċjenza għolja bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli.

([14]) Aktar dettalji huma pprovduti fi: Behling, I. et al., 2018: Development of recommendations on the implementation of certain aspects of Article 8 and Annex VI of the Energy Efficiency Directive. Rapport Finali għad-DĠ ENERĠIJA.

([15]) Il-Kummissjoni Ewropea, 2016: A Study on Energy Efficiency in Enterprises: Energy Audits and Energy Management Systems. Report on the fulfilment of obligations upon large enterprises, the encouragement of small- and medium-sized companies and on good-practice. Study prepared by the Fraunhofer Institute for Systems and Innovation Research ISI and Ricardo Energy & Environment for the European Commission. Karlsruhe/Oxon.

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-EED 2018, f'xi Stati Membri, il-konsum totali tal-enerġija jrid jiġi inkluż fl-awditu tal-enerġija. F'diversi Stati Membri, perċentwal minimu definit b'mod espliċitu tal-konsum totali tal-enerġija tal-intrapriża jrid ikun kopert mill-awditu tal-enerġija; dan tipikament ivarja minn 65 % sa 90 %. Approċċ ieħor jeħtieġ l-inklużjoni tal-oqsma kollha tal-konsum tal-enerġija (skont l-istandards Ewropej EN 16247-2 għall-bini, EN 16247-3 għall-proċessi, u EN 16247-4 għat-trasport) b'sehem minimu ta' 10 % tal-konsum tal-enerġija, li jirriżulta f'kopertura totali ta' mill-inqas 80 %. Fis-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, skont l-ISO 50001, għandhom jiġu identifikati użi sinifikanti tal-enerġija (SEUs, significant energy uses). Dawn huma definiti bħala oqsma b'konsum sostanzjali tal-enerġija u/jew potenzjal konsiderevoli għal titjib fir-rendiment tal-enerġija. Approċċ simili jista' jiġi kkunsidrat għad-definizzjoni tal-kopertura minima tal-konsum tal-enerġija fl-awditi tal-enerġija, peress li d-*data* għall-oqsma kollha tal-konsum tal-enerġija se jkollha tinġabar fl-awditi tal-enerġija. L-esklużjoni ta' oqsma taħt ċertu sehem (eż. 10 %) tal-konsum totali tal-enerġija għall-analiżi fil-fond li tippermetti li tiżdied il-kosteffettività tal-awditi tal-enerġija tidher adegwata biex jiġi ssodisfat l-Anness VI (f).

L-awditi tal-enerġija għandhom ikunu rappreżentattivi biżżejjed. Stat Membru jista' jikkunsidra li japplika "approċċ ta' kampjunar" fit-territorju tiegħu għal dawk l-intrapriżi b'għadd ta' siti simili (eż. ktajjen tax-xiri). Il-kampjuni magħżula għandhom jiżguraw ir-rappreżentattività tas-siti awditjati kollha b'mill-inqas l-għerq kwadrat tal-għadd totali ta' oġġetti b'karatteristiċi simili bħall-profili tal-konsum tal-enerġija, l-użi tal-enerġija, is-sorsi u l-prezzijiet tal-enerġija, l-għadd ta' impjegati, id-daqs, il-proċess, eċċ. li għandhom jitqiesu. Il-kriterji meħtieġa biex jiġu żgurati similaritajiet suffiċjenti bejn is-siti jistgħu jinkludu ż-żona tal-art imsaħħna u/jew imkessħa, l-età tal-bini, it-tagħmir tekniku, eċċ. Il-perċentwal minimu tal-konsum tal-enerġija u approċċ ta' teħid ta' kampjuni jistgħu jiġu kkombinati, pereżempju, billi jiġi permess approċċ ta' teħid ta' kampjuni li xorta jeħtieġ li ċertu perċentwal tal-konsum tal-enerġija jkun kopert fl-awditi tal-enerġija. Il-karatteristiċi rilevanti tar-raggruppament tal-kampjunar għandhom jiġu ddokumentati fir-rapport tal-awditi tal-enerġija u l-għażla tal-kampjun għandha tiġi ġġustifikata.

Sabiex tiżdied il-kosteffettività tal-awditi tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu linji gwida għal *de minimis*, raggruppament u kampjunar. Huwa rrakkomandat li jintużaw approċċi flessibbli f'intrapriżi differenti. L-għażla tar-raggruppamenti, il-metodoloġija tal-kampjunar u l-adegwatezza tar-regola *de minimis* għandhom jiġu ġġustifikati u ddokumentati. ([16])

Huwa meħtieġ li jiġi definit kif il-konsum tal-enerġija tal-bini u tat-trasport huwa inkluż f'awditu tal-enerġija. Irid jiġi deċiż jekk l-awditu tal-enerġija jinkludix is-servizzi tat-trasport. Jekk dan ikun il-każ, se tkun meħtieġa gwida dwar kif jiġi vvalutat it-trasport tal-massa inklużi t-titjiriet, il-ferroviji, ix-xarabanks, il-kowċis, il-vapuri u t-taxis. Irid jiġi speċifikat ukoll kif it-trasport transfruntier għandu jiġi ttrattat bħala parti mill-awditi tal-enerġija. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu l-inklużjoni tat-trasport kollu li huwa konness mal-iskop tan-negozju, inkluż it-trasport transfruntier.. Għall-bini, għandu jiġi ċċarat min huwa responsabbli għall-awditi tal-enerġija fil-bini li huwa proprjetà ta' xi ħadd jew mikri. Il-kriterji rilevanti hawnhekk jistgħu jkunu r-responsabbiltà għall-użu operazzjonali tal-bini, jew jekk intrapriża jkollhiex influwenza sinifikanti fuq il-konsum tal-enerġija tal-bini. Dan jista' jkun ibbażat ukoll fuq id-diviżjoni tal-konsum tal-enerġija fil-kamp ta' applikazzjoni tal-intrapriża (eż. l-elettriku għas-servers, il-kompjuters u t-tidwil tal-uffiċċju) u l-ambitu tas-sidien tal-bini (inkluż it-tisħin u t-tkessiħ ċentrali) fl-awditu tal-enerġija tagħhom.

6.3.2. *Livell ta' dettall meħtieġ*

Sabiex jiġi żgurat ċertu livell ta' dettall, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu linji gwida b'eżempji ta' prattika tajba u tabelli ta' kontenut u/jew mudelli għall-awditi tal-enerġija. L-oqsma rilevanti kollha (il-bini, il-proċessi, u t-trasport) għandhom jiġu inklużi f'dawn il-mudelli, iżda bl-għażla li jitħassru taqsimiet li mhumiex rilevanti fil-każijiet speċifiċi. Taqsimiet kruċjali jinkludu s-sommarju eżekuttiv u l-lista ta' rakkomandazzjonijiet li jiffurmaw il-bażi għall-Pjan ta' Azzjoni. Il-kontenut meħtieġ għal dawn it-taqsimiet għandu jiġi speċifikat fid-dettall. Se jkun meħtieġ ukoll li tiġi definita b'mod ċar struttura tad-*data* għad-*data* li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet nazzjonali, preferibbilment billi tittella' f'bażi tad-*data* (sommarju tal-awditi tal-enerġija, lista ta' rakkomandazzjonijiet, CAPEX, iffrankar, perjodu ta' rkupru, eċċ.). ([17])

([16]) Ara Behling, I. et al., 2018: Development of recommendations on the implementation of certain aspects of Article 8 and Annex VI of the Energy Efficiency Directive. Rapport finali għad-DĠ ENERĠIJA.

([17]) Il-Kummissjoni Ewropea, 2016: A Study on Energy Efficiency in Enterprises: Energy Audits and Energy Management Systems. Library of typical energy audit recommendations, costs and savings. Studju mhejji minn DNV GL.

L-Anness VI jiddeskrivi l-kriterji minimi għall-awditi tal-enerġija. Dawn il-kriterji jridu jiġu ssodisfati wkoll minn awditi tal-enerġija li huma parti minn sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jew tal-ambjent.

6.4. **Ammissibbiltà tal-esperti**

Sabiex jiġu żgurati awditi tal-enerġija ta' kwalità għolja, l-awdituri tal-enerġija għandu jkollhom il-kwalifiki meħtieġa. Awdituri tal-enerġija kwalifikati u/jew akkreditati biss għandhom jiġu inklużi f'reġistru pubbliku.

Skema għaċ-ċertifikazzjoni u/jew l-akkreditazzjoni għandha tinkludi mill-inqas il-kriterji li ġejjin ([18]):

— Education of energy auditors. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrikjedu li l-awdituri tal-enerġija jkollhom baċellerat jew master fis-suġġetti tekniċi rilevanti (eż. l-inġinerija, l-arkitettura). F'xi Stati Membri, l-edukazzjoni skolastika sekondarja tista' tkun biżżejjed, iżda dan jeħtieġ li jiġi kkombinat ma' esperjenza ta' xogħol itwal jew aktar estensiva.

— Esperjenza fil-qasam tal-għarfien espert. Iċ-ċertifikazzjoni/l-akkreditazzjoni għandha tkun limitata għall-esperjenza ta' xogħol attwali fl-oqsma rilevanti (eż. bini, proċessi, mobbiltà). Skont il-livell ta' edukazzjoni, għandu jkun meħtieġ numru minimu ta' snin ta' esperjenza rilevanti, li tipikament ivarja bejn sentejn u ħames snin. Il-proġetti ta' referenza (l-awditi tal-enerġija jew attivitajiet simili) jistgħu jiġu sottomessi bħala prova.

— Taħriġ fl-oqsma tal-għarfien espert. L-Istati Membri għandhom jipprovdu programmi ta' taħriġ approvati uffiċjalment li għandhom jiġu żviluppati mill-awtorità nazzjonali responsabbli rispettiva. Se jkun meħtieġ taħriġ biex jiġu estiżi l-oqsma ta' ċertifikazzjoni/akkreditazzjoni u jista' jkun meħtieġ għal ċertifikazzjoni mill-ġdid jew akkreditazzjoni mill-ġdid (eż. kull tliet snin).

— Eżami. F'xi Stati Membri, huwa komuni li l-awdituri tal-enerġija jkollhom jgħaddu minn eżami.

— Ir-reġistrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u/jew l-akkreditazzjoni tal-awdituri tal-enerġija. L-awdituri tal-enerġija rreġistrati, iċċertifikati u/jew akkreditati biss għandhom jitħallew iwettqu awditi tal-enerġija f'konformità mal-Artikolu 11.

7. EŻEMPJI TAL-APPLIKAZZJONI TAL-OBBLIGI TAL-PARAGRAFI 1 U 2 TAL-ARTIKOLU 11

Hawn taħt qed jingħataw xi eżempji speċifiċi biex juru kif ir-rekwiżiti tal-Artikoli 11(1) u (2) jistgħu jiġu applikati f'każijiet, fejn intrapriża kellha konsum annwali medju tal-enerġija matul it-tliet snin preċedenti madwar il-livell limitu ta' 10 TJ jew 85 TJ:

— Il-konsum medju tal-enerġija fuq tliet snin fis-sena n ([19]) huwa > 10 TJ iżda xorta waħda < 85 TJ u jaqbeż il-85 TJ fis-sena n+1: l-intrapriża għandha twettaq awditu tal-enerġija sa mhux aktar tard mis-sena n+1 (sakemm ma jkunx disponibbli awditu tal-enerġija li jkun ilu inqas minn erba' snin sa dak iż-żmien) u għandu jkollha sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija fis-seħħ sa mhux aktar tard mis-sena n+3.

— Il-medja tal-konsum tal-enerġija fuq tliet snin fis-sena n hija > 85 TJ: l-intrapriża għandu jkollha sistema ta' ġestjoni tal-enerġija stabbilita sas-sena n+2. Madankollu, jekk il-medja tal-konsum tal-enerġija fuq tliet snin fis-sena n+1 taqa' taħt 85 TJ, se japplika biss obbligu tal-awditi tal-enerġija mis-sena n+1 li jfisser li għandu jitwettaq awditu tal-enerġija sa mhux aktar tard mis-sena n+2 (sakemm ma jkunx disponibbli awditu tal-enerġija li jkollu inqas minn erba' snin). Madankollu, fis-sena n+2, ma għadx hemm obbligu li jkun hemm sistema ta' ġestjoni tal-enerġija fis-seħħ.

— Il-konsum tal-enerġija ta' tliet snin jaqbeż il-livell limitu ta' 10 TJ fis-sena n biss: l-intrapriża tkun obbligata twettaq awditu tal-enerġija sa mhux aktar tard mis-sena n+1 (sakemm ma jkunx disponibbli awditu tal-enerġija li jkollu inqas minn erba' snin), irrispettivament mill-konsum tal-enerġija ta' tliet snin fis-sena n+1.

([18]) JRC, 2015: Survey of energy audits and energy management systems in the Member States. Preparation of the transposition of the Energy Efficiency Directive in Member States. JRC Science for Policy Report.

([19]) Fejn is-sena"n" tirreferi għal kwalunkwe sena partikolari wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva.

— Il-konsum tal-enerġija ta' tliet snin dejjem kien ftit ogħla minn 10 TJ, iżda jaqa' taħt 10 TJ fis-sena n: l-intrapriża ma għandha l-ebda obbligu fis-sena n. Jekk il-medja tal-konsum tal-enerġija fuq tliet snin taqbeż il-limitu ta' 10 TJ għal darb' oħra fis-sena n+1, l-intrapriża tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 11(2). Għandu jsir awditu tal-enerġija fl-aħħar sena n+2 (sakemm ma jkunx disponibbli awditu tal-enerġija li jkollu inqas minn erba' snin sa dak iż-żmien).

Huwa partikolarment rakkomandabbli li l-intrapriżi li jistgħu jkunu qed jiċċaqilqu minn obbligu għal ieħor li jwettqu awditu tal-enerġija aktar milli sempliċi analiżi tal-enerġija bħala parti minn sistema ta' ġestjoni tal-enerġija, peress li sempliċi analiżi tal-enerġija mhux se tissodisfa r-rekwiżiti ta' awditu tal-enerġija.

Barra minn hekk, meta jitqiesu l-iskadenzi spjegati fit-taqsimiet 4.2 u 5.2 u kif muri f'xi wħud mill-eżempji ta' hawn fuq, hemm inċentiv qawwi għall-intrapriżi li qabżu l-livell limitu f'sena partikolari biex jimplimentaw miżuri għall-iffrankar tal-enerġija malajr kemm jista' jkun sabiex jerġgħu jaqgħu taħt il-livell limitu fi żmien sena.

8. IL-PROMOZZJONI TA' AWDITI TAL-ENERĠIJA TA' KWALITÀ GĦOLJA GĦALL-KLIJENTI FINALI KOLLHA

Fir-rigward tal-promozzjoni tal-awditi tal-enerġija għall-klijenti finali, id-Direttiva (UE) 2023/1791 tenfasizza li għandhom jiġu kkunsidrati l-"Istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti" meta jiġu definiti "l-kriterji minimi għall-awditi tal-enerġija". Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2023/1791 tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun hemm konformità mal-iskedi ta' żmien għat-twettiq tal-awditi tal-enerġija stabbiliti fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 li l-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness VI jiġu applikati b'mod korrett". Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jaħtru "awtorità jew korp kompetenti" għal dan ir-rwol.

L-awtorità jew il-korp dežinjat jista' jkollu rwol importanti fl-iżgurar tal-kwalità għolja tal-awditi tal-enerġija. Jista' jkun responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-iskema ta' assigurazzjoni tal-kwalità, u għat-twettiq tal-verifiki tal-kwalità meħtieġa, inkluż il-kampjunar aleatorju. L-awtorità maħtura tista' tipproċessa ċ-ċertifikazzjoni u/jew l-akkreditazzjoni tal-awdituri tal-enerġija u tkun responsabbli għas-superviżjoni tal-programmi ta' taħriġ. Barra minn hekk, il-ġbir tad-*data* u l-analiżi tal-awditi tal-enerġija jistgħu jitwettqu mill-awtorità maħtura biex b'hekk jiġu pprovduti rapporti sommarji u punti ta' riferiment. Flimkien mal-assoċjazzjonijiet tas-servizzi tal-enerġija, jistgħu jitnedew programmi promozzjonali għall-intrapriżi li huma taħt kwalunkwe obbligu mid-Direttiva (UE) 2023/1791 (eż. SMEs, awtoritajiet pubbliċi, eċċ.).

8.1. Verifiki tal-kwalità tal-awditi tal-enerġija li jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom "jistabbilixxu skema biex jiżguraw u jivverifikaw" il-kwalità tal-awditi tal-enerġija. Dawn l-iskemi għandhom ikunu bbażati fuq eżempji ta' prattika tajba osservati mill-Istati Membri li implimentaw l-EED 2018. ([20]) Skema bħal din tista' tinkludi d-dispożizzjoni ta':

— Linji gwida dettaljati dwar kif għandhom jitwettqu l-awditi.

— Mudell għall-awditi tal-enerġija, biex jiġi ffaċilitat u standardizzat il-proċess ta' rapportar, u b'hekk jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità.

Barra minn hekk, biex ikun hemm aċċess faċli għall-awditi sħaħ tal-enerġija jew tal-anqas għas-sommarji tal-awditi tal-enerġija, jistgħu jiġu stabbiliti bażijiet tad-*data* nazzjonali biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni u jippermettu verifiki formali tal-kompletezza u l-istruttura tas-sommarji tal-awditi tal-enerġija. Jekk ikun possibbli, id-*data* ewlenija tal-awditu tal-enerġija għandha tingħabar f'format li jinqara mill-magni biex ikunu jistgħu jiġu identifikati żbalji possibbli u biex tiġi vverifikata l-plawżibbiltà taċ-ċifri (eż. abbażi tal-valutazzjoni komparattiva tal-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija ([21])). F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jiffaċilitaw il-proċess ta' sottomissjoni tal-informazzjoni u tad-*data* (eż. billi jistabbilixxu hotlines jew servizzi ta' helpdesk, jipprovdu taqsima tal-FAQ, eċċ.).

([20]) Ara: Guidance for national authorities on overcoming challenges in the implementation of Article 8 EED. 2021. https://doi.org/10.24406/publica-304, żviluppata fil-kuntest tal-proġett H2020 DEESME għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 tal-EED preċedenti. Ħafna mir-rakkomandazzjonijiet għadhom rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva.

([21]) Il-bażi tad-*data* DEEP (https://deep.eefig.eu) tal-EFIG tkun referenza potenzjali għad-*data* tal-valutazzjoni komparattiva għall-proġetti tal-effiċjenza enerġetika.

Lil hinn mill-verifiki bażiċi tal-validità fuq ir-rapporti kollha tal-awditi tal-enerġija miġbura, se jitwettqu verifiki tal-kwalità fil-fond fuq kampjun iżgħar fuq bażi aleatorja. Jekk ikunu disponibbli rapporti sħaħ tal-awditi tal-enerġija, l-awtorità nazzjonali tista' tuża din il-bażi tad-*data* biex tagħmel valutazzjonijiet dettaljati tal-kampjuni (aleatorji) tal-awditi tal-enerġija. Jekk ikunu ġew sottomessi biss sommarji, iridu jiġu pprovduti rapporti sħaħ tal-awditi tal-enerġija fuq talba. L-għadd ta' verifiki tal-kwalità fil-fond ivarja u jista' jvarja minn 1 % sa 5 % tal-intrapriżi kollha obbligati.

8.2. **Il-kosteffettività tal-awditi tal-enerġija**

Ma hemm l-ebda definizzjoni stretta tal-kosteffettività tal-awditi tal-enerġija. Madankollu, il-kosteffettività tal-awditi tal-enerġija tista' tiġi vvalutata bl-użu tal-perjodu ta' rkupru (snin), li huwa l-proporzjon bejn il-kostijiet għat-twettiq ta' awditu tal-enerġija u l-iffrankar tal-kostijiet netti annwali (espress f'valur preżenti nett) iġġenerati mill-miżuri tal-effiċjenza enerġetika identifikati fl-awditu tal-enerġija u implimentati mill-intrapriża. L-iffrankar nett tal-kostijiet iqis l-iffrankar gross tal-kostijiet fis-sena (relatat mat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija) kif ukoll l-investimenti meħtieġa biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika.

Studju reċenti ([22]) vvaluta l-kosteffettività tal-awditi tal-enerġija espressa bħala perjodu ta' rkupru tal-kost għal diversi intrapriżi tipiċi. B'mod ġenerali, il-perjodu ta' rkupru tal-kost tal-awditi tal-enerġija huwa ta' 3,1 snin jew inqas, skont l-intrapriża kkunsidrata; għall-intrapriżi b'konsum tal-enerġija akbar minn 10 TJ, il-perjodu ta' rkupru tal-kost huwa inqas minn 1,16 sena.

Fl-aħħar nett, il-kostijiet interni (eż. il-kostijiet personali tal-persunal involut fl-appoġġ tal-awditu tal-enerġija jew l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika) kif ukoll l-iffrankar tal-kostijiet relatat mal-benefiċċji mhux tal-enerġija jistgħu jitqiesu fil-kalkolu tal-kosteffettività.

8.3. **Benefiċċji multipli**

Waħda mir-raġunijiet għaliex l-intrapriżi — u l-SMEs b'mod partikolari — ma jinvestux aktar fl-effiċjenza enerġetika hija li l-proposti tal-proġetti normalment jiffukaw biss fuq l-iffrankar tal-enerġija (ara l-approċċ klassiku fl-Illustrazzjoni 4), li mhuwiex in-negozju ewlieni tal-biċċa l-kbira tal-intrapriżi. Madankollu, billi jiġu kkwantifikati u kkomunikati l-benefiċċji kollha ta' effiċjenza enerġetika mtejba (ara l-approċċ ta' benefiċċji multipli fl-Illustrazzjoni 4) inkluż titjib fil-kwalità tal-prodott, produttività mtejba, ambjent intern aħjar, eċċ., il-proposti tal-proġetti jsiru aktar kompetittivi u aktar attraenti għall-intrapriżi ([23]).



Illustrazzjoni 4

L-approċċ klassiku mqabbel mal-approċċ ta' benefiċċji multipli għall-promozzjoni tal-investimenti f'miżuri tal-effiċjenza enerġetika (ibbażat fuq www.mbenefits.eu)

([22]) Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Enerġija, Groen, W., Egenhofer, C., Musmeci, R.et al.: Technical assistance on assessing the effectiveness of the implementation of the definition of small and medium-sized enterprises for the purposes of Article 8(4) of the Energy Efficiency Directive – Final Report, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2833/051248.

([23]) Il-materjali rilevanti (eż. l-informazzjoni ġenerali, il-linji gwida, l-xls-sheets...) biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-intrapriżi biex jinkludu, jikkwantifikaw u jippromwovu l-benefiċċji multipli tal-effiċjenza enerġetika huma pprovduti minn xi proġetti taħt H2020 bħal: M-Benefits (https://www.mbenefits.eu/), DEESME (https://www.deesme.eu/) or ICCEE (https://iccee.eu/).

8.4. **Networks tal-effiċjenza enerġetika**

Network tal-effiċjenza enerġetika (EEN, energy efficiency network) huwa kunċett bil-provi li jrawwem l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika fl-intrapriżi. Il-kunċett tal-EEN jista' jiġi definit bħala skambju strutturat, moderat u limitat temporanjament (tipikament minn sentejn sa erba' snin) ta' għarfien u esperjenza bejn l-intrapriżi, bl-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika. L-ewwel pass tipikament huwa li jiġi identifikat il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija fl-intrapriżi li huma parti mill-EEN billi jitwettaq awditu tal-enerġija. Il-miżuri rakkomandati tal-effiċjenza enerġetika jintużaw biex jiġu stabbiliti miri ta' ffrankar individwali u mhux vinkolanti. Normalment, tiġi stabbilita wkoll mira ġenerali ta' ffrankar għall-EEN bħala grupp. Imbagħad, il-professjonisti tal-enerġija interni u esterni jiltaqgħu f'intervalli regolari biex jiddiskutu l-effiċjenza enerġetika u l-miżuri possibbli, u jekk ikun meħtieġ, jinvolvu esperti esterni b'oqsma speċifiċi ta' għarfien espert. Dan jagħti lill-parteċipanti tal-EEN aċċess għall-għarfien, prattiki tajbin, u esperjenza diretta. Dan l-approċċ jgħin ukoll lill-parteċipanti jiġġustifikaw l-investimenti meħtieġa fl-intrapriża rispettiva tagħhom u jżidu r-rata ta' implimentazzjoni għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika. Il-kunċett u l-impatt tal-EENs ġew iddokumentati fil-letteratura u f'diversi rapporti. ([24])

9. EŻENZJONI MILL-OBBLIGI MINĦABBA L-IMPLIMENTAZZJONI TA' KUNTRATT TAR-RENDIMENT FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

Skont l-Artikolu 11(10), l-intrapriżi għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 jekk jimplimentaw kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— Il-kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jkopri l-elementi meħtieġa tas-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija.

— Il-kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XV tal-EED. ([25])

B'mod ġenerali, il-prinċipju ta' impatt komparabbli jrid jiġi applikat biex din l-eżenzjoni tkun valida. Dan ifisser li l-kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jkollu jkopri l-intrapriża kollha inklużi s-siti kollha tagħha u s-sistemi u l-proċessi kollha tagħha li jikkonsmaw l-enerġija; dawn ikollhom ikunu koperti minn sistema ta' ġestjoni tal-enerġija li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-EED. Fil-prattika, każ bħal dan ma tantx huwa immaġinabbli, peress li l-kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandhom fruntieri tas-sistema definiti b'mod ċar u normalment ikopru biss siti jew sistemi tal-enerġija speċifiċi.

Madankollu, l-użu ta' kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jista' jiffaċilita l-introduzzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-enerġija f'intrapriża. Dawk il-partijiet ta' intrapriża li diġà tejbu l-użu tal-enerġija tagħhom permezz ta' kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jistgħu jiġu esklużi mill-attivitajiet meħtieġa skont is-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija. Pereżempju, jekk ikun hemm kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija li jottimizza t-tidwil tas-swali tal-produzzjoni, dan il-qasam ma jibqax jeħtieġ li jiġi indirizzat fis-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija. Għandu jiġi żgurat biss li l-informazzjoni meħtieġa u utli għas-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija tiġi pprovduta mill-proġett tal-kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija lill-proċess ta' rapportar intern.

10. EŻENZJONI MILL-OBBLIGI MINĦABBA L-IMPLIMENTAZZJONI TA' SISTEMA TA' ĠESTJONI AMBJENTALI

L-Artikolu 11(11) jippermetti eżenzjonijiet għar-rekwiżiti tal-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 11(2) għal intrapriżi li jimplimentaw "sistema ta' ġestjoni ambjentali, iċċertifikata minn korp indipendenti skont l-istandards Ewropej jew internazzjonali rilevanti" bil-kundizzjoni li "tinkludi awditu tal-enerġija abbażi tal-kriterji minimi stipulati fl-Anness VI".

([24]) Bħal:
Carlén, A. et al., 2016: Energy efficiency networks for small and medium sized enterprises: boosting the energy efficiency potential by joining forces. Fl-ECEEE Industry Summer Study 2016. Il-Kunsill Ewropew għal Ekonomija Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija (ECEEE).
IPEEC (Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija). 2015. Energy Efficiency Networks – An effective policy to stimulate energy efficiency. Pariġi: OECD/IPEEC.
Barra minn hekk, dokumentazzjoni komprensiva (bil-Ġermaniż) tista' tinstab fuq is-sit web tal-Inizjattiva tal-Effiċjenza Enerġetika tan-Networks https://www.effizienznetzwerke.org/.

([25]) Informazzjoni dettaljata dwar id-definizzjoni tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija hija inkluża fil-gwida dwar l-Artikolu 29.

Fil-kuntest tal-Artikolu 11(11), l-eżenzjoni mill-obbligu tas-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija (jew awditu tal-enerġija) għal intrapriżi 'l fuq minn 85 TJ (jew 10 TJ) tirreferi speċifikament għal sistemi formalizzati ta' ġestjoni ambjentali li jikkonformaw ma' Standards Ewropej u Internazzjonali rilevanti bħall-ISO 14000 (is-Sistemi ta' Ġestjoni Ambjentali) jew l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS).

Din l-eżenzjoni tapplika biss jekk is-sistema ta' ġestjoni ambjentali kkonċernata tinkludi awditu tal-enerġija bbażata fuq il-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness VI (ara 6.3). L-istatus taċ-ċertifikazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u tal-korp taċ-ċertifikazzjoni (jew għall-awtoċertifikazzjoni fejn applikabbli) jeħtieġ li jiġi vverifikat biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tissodisfa r-rekwiżiti deskritti fl-Anness VI. Evidenza li awditu tal-enerġija tissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness VI, u r-rekwiżiti speċifiċi tal-Istat Membru għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet nazzjonali.

Sistema ta' ġestjoni ambjentali hija bbażata fuq iċ-ċiklu ppjana–wettaq–ivverifika–aġixxi. Għaldaqstant, jekk intrapriża jkollha fis-seħħ sistema ta' ġestjoni ambjentali li tinkludi awditu tal-enerġija f'konformità mal-Anness VI, tkun qed timplimenta proċess ta' titjib kontinwu biex iżżid ir-rendiment tal-effiċjenza enerġetika tagħha u titqies li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 11(1) jew tal-Artikolu 11(2). Għalhekk, l-intrapriża hija eżentata mir-rekwiżiti ta' dawk l-artikoli.

11. **REKWIŻITI TA' RAPPORTAR**

11.1. **Aġġornament tal-Pjanijiet Nazzjonali Integrati għall-Enerġija u l-Klima**

F'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]), l-Istati Membri huma meħtieġa jissottomettu sat-30 ta' Ġunju 2024, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2034 u kull 10 snin minn hemm 'il quddiem, aġġornament tal-aħħar **pjan nazzjonali** integrat innotifikat tagħhom **għall-enerġija u l-klima**. L-Artikolu 14(1) jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu abbozz ta' aġġornament tal-NECP dejjem sena qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-Artikolu 14(2).

F'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999, għad-dimensjoni tal-effiċjenza enerġetika, l-Istati Membri għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, pereżempju miżuri biex jippromwovu l-awditi tal-enerġija u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 (li tissostitwixxi l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE).

11.2. **Rapportar tal-Progress**

L-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 jirrikjedi li l-Istati Membri jissottomettu r-**Rapporti ta' Progress** Nazzjonali tagħhom dwar l-Enerġija u l-Klima (NECPRs) li jkopru l-ħames dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija, bl-effiċjenza enerġetika tkun waħda mid-dimensjonijiet.

F'konformità mal-Anness IX, il-parti 2, tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw l-għadd ta' awditi tal-enerġija mwettqa fis-sena X-3 u X-2 u barra minn hekk, l-għadd totali stmat tal-kumpaniji fit-territorju tagħhom li għalihom japplika l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 (li jissostitwixxi l-Artikolu 8(4) tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE) u l-għadd ta' awditi tal-enerġija mwettqa f'dawk l-intrapriżi fis-sena X-3 u X-2.

L-ewwel Rapporti ta' Progress Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima kienu mistennija fil-15 ta' Marzu 2023 u wara dan l-Istati Membri jeħtieġ li jirrapportaw il-progress b'mod biennali.

([26]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj).